

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Leġiżlazzjoni Nazzjonali](#) > [Bulgaria](#)

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Bulgaria

Bulgarija



Din il-paġna tippreżenta informazzjoni dwar l-ordinament ġuridiku Bulgaru u ħarsa ġenerali lejn il-liġi Bulgara.

Sorsi tal-liġi

Sorsi nazzjonali tal-liġi

Is-sorsi tal-liġi jinkludu:

- [il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija](#) (Promulgata fi SG 56/13 ta' Lulju 1991, emendata f' SG 85/26 ta' Settembru 2003, SG 18/25 ta' Frar 2005, SG 27/31 ta' Marzu 2006, SG 78/26 ta' Settembru 2006 - Id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Nru 7/2006, SG 12/6 ta' Frar 2007, SG 100/18 ta' Diċembru 2015 [DB1]);
- leġiżlazzjoni primarja; u
- leġiżlazzjoni sekondarja.

Il-każistika mhijiex sors formali tal-liġi, iżda hija vinkolanti fuq l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Sorsi tal-liġi Ewropej u internazzjonali

L-istrumenti bil-miktub jinkludu l-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, it-trattati internazzjonali, il-liġijiet u l-leġiżlazzjoni sekondarja (digriet, regolamenti, regoli ta' implimentazzjoni, struzzjonijiet u ordnijiet).

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija (*Konstitutsiata na Republika Balcaria*) hija l-ogħla att legali. Tistabbilixxi l-organizzazzjoni, il-prinċipji, is-setgħat u d-dmirijiet tal-istituzzjonijiet tal-istat, kif ukoll id-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini.

Liġi (*zakon*) hija att normattiv li jirregola r-relazzjonijiet soċjetali *ab initio* jew skont il-Kostituzzjoni permezz ta' arranġamenti stabbiliti promulgati, skont is-suġġett jew il-persuni kkonċernati, minn korp leġiżlattiv wieħed jew aktar jew mis-sottodivizionijiet tiegħu.

L-atti leġiżlattivi kollha jiġu promulgati u jidhru fis-seħħ tlett ijiem wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħhom, sakemm l-atti nfushom ma jipprovdwx mod ieħor.

Il-Kunsill tal-Ministri joħroġ digriet (*postanovlenie*) meta jadotta regoli ta' implimentazzjoni, regolamenti jew struzzjonijiet, u meta joħroġ regolamenti, skont il-liġijiet, dwar arranġamenti soċjetali li mhumiex regolati minn dawk il-liġijiet fl-ambitu tal-mandat eżekuttiv u amministrattiv tiegħu.

Regoli ta' implimentazzjoni (*pravilnik*) huma atti normattivi maħruġa biex tiġi implimentata liġi fl-intier tagħha. Jipprovdwx għall-organizzazzjoni ta' korpi statali u lokali jew għall-ordni interna tal-attivitajiet tagħhom.

Regolament (*naredba*) huwa att normattiv maħruġ biex jiġu implimentati ċerti dispożizzjonijiet jew taqsimiet oħra ta' att normattiv ogħla.

Struzzjoni (*instruksia*) hija att normattiv li permezz tiegħu korp oġhla jagħti struzzjonijiet lil korpi subordinati dwar l-implimentazzjoni ta' att normattiv li jkun f'areġ jew li jeħtieġ jiġi infurzat.

Sorsi tal-liġi oħra li mhumiex bil-miktub, bħal konswetudni (*pravniyat obichay*) u prinċipji ġenerali tal-liġi (*obshtite printsipi na pravoto*), huma wkoll importanti.

Id-deċiżjonijiet interpretattivi tal-qrati supremi jistgħu jitqiesu bħala sors sussidjarju tal-liġi.

Il-Qorti Kostituzzjonali (*Konstitutsionen sad*) taġixxi permezz ta' deċiżjonijiet, sentenzi u ordnijiet.

Il-Qorti tiddeċiedi dwar is-suġġett prinċipali ta' kawża permezz ta' deċiżjoni.

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti jiġu promulgati fil-Gazzetta tal-Istat fi żmien 15-il jum mid-data li fiha jinħarġu u jidħlu fis-seħħ tlett ijiem wara l-promulgazzjoni tagħhom.

Ġerarkija ta' normi

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija hija l-liġi suprema. Is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni mhijiex stabbilita speċifikament fil-Kostituzzjoni, iżda titqies superjuri għad-dritt nazzjonali.

Skont l-Artikolu 5(4) tal-Kostituzzjoni, it-trattati internazzjonali li ġew ratifikati skont il-proċedura kostituzzjonali, li ġew promulgati u daħlu fis-seħħ fir-Repubblika tal-Bulgarija jsiru parti mil-leġiżlazzjoni tal-istat. Huma jieħdu preċedenza fuq kwalunkwe dispożizzjoni konfliġġenti tal-leġiżlazzjoni domestika.

Fil-livell li jmiss ta' atti normattivi hemm il-liġijiet. L-eżekuttiv jipromulga l-leġiżlazzjoni sekondarja bħal digrieti, regolamenti, deċiżjonijiet, regoli ta' implimentazzjoni, struzzjonijiet u ordnijiet.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni tan-normi ġuridiċi

L-Assemblea Nazzjonali (*Narodno sabranie*) għandha awtorità leġiżlattiva. Tista' tgħaddi, temenda, tissupplimenta u tħassar liġijiet.

Fuq il-bażi tal-liġijiet u sabiex jimplementahom, il-Kunsill tal-Ministri (*Ministerski savet*) jadotta digrieti, ordnijiet u deċiżjonijiet. Permezz ta' digrieti, il-Kunsill tal-Ministri jadotta wkoll regoli u regolamenti ta' implimentazzjoni.

Il-Ministri joħorġu regoli ta' implimentazzjoni, regolamenti, struzzjonijiet u ordnijiet.

Il-Kunsill tal-Ministri jikkonkludi trattati internazzjonali meta l-liġi tawtorizzah jagħmel dan. L-Assemblea Nazzjonali tirratifika (jew tirrifjuta) trattati internazzjonali li:

- huma ta' natura politika jew militari;
- jittrattaw il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija f'organizzazzjonijiet internazzjonali;
- jipprevedu aġġustamenti għall-fruntieri tar-Repubblika tal-Bulgarija;
- jimponu obbligi finanzjarji fuq l-istat;
- jipprevedu l-parteċipazzjoni tal-Istat fi proċedimenti legali jew f'arbitraġġ internazzjonali;
- jittrattaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem;
- jittrattaw l-effett tal-liġi jew jeħtieġu leġiżlazzjoni ġdida sabiex jiġu infurzati;
- ikunu espressament jeħtieġu ratifika;
- jagħtu lill-Unjoni Ewropea s-setgħat li jirriżultaw mill-Kostituzzjoni.

Proċess leġiżlattiv

Adozzjoni tal-Kostituzzjoni

Kostituzzjoni ġdida tiġi adottata minn Assemblea Nazzjonali Suprema (*Veliko narodno sabranie*) magħmula minn 400 membru.

L-Assemblea Nazzjonali hija libera temenda d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kostituzzjoni minbarra dawk li jaqgħu taħt il-prerogattiva tal-Assemblea Nazzjonali Suprema. Emenda kostituzzjonali teħtieġ maġġoranza ta' tliet

kwarti tal-voti tal-membri kollha tal-Assemblea Nazzjonali fi tliet votazzjonijiet fi tliet ġranet differenti. Emenda kostituzzjonali tiġi ffirmata u promulgata fil-Gazzetta tal-Istat mill-President tal-Assemblea Nazzjonali Suprema fi żmien sebat ijiem mill-promulgazzjoni tagħha.

Inizjattiva leġiżlattiva

Skont l-Artikolu 87 tal-Kostituzzjoni, kull membru tal-Assemblea Nazzjonali jew tal-Kunsill tal-Ministri għandu d-dritt jintroduċi abbozz ta' liġi.

Abbozz ta' liġi jiġi adottat mill-Assemblea Nazzjonali f'żewġ proċessi ta' qari. Matul l-ewwel qari, l-abbozz jiġi diskuss fl-intier tiegħu. Il-membri jistgħu jippreżentaw mozzjonijiet bil-miktub għall-emenda ta' abbozz li jkun ġie adottat fl-ewwel qari fil-limitu ta' żmien speċifikat mill-Assemblea Nazzjonali. L-Assemblea Nazzjonali tiddibatti l-abbozz fid-dettall u tadottah fit-tieni qari. L-abbozz adottat jintbagħat lill-President tar-Repubblika tal-Bulgarija, li jiffirma digriet għall-promulgazzjoni tiegħu. L-att jiġi ppromulgat fil-Gazzetta tal-Istat u jidħol fis-seħħ tlett ijiem wara l-pubblikazzjoni tiegħu, sakemm l-att ma jipprevedix mod ieħor.

Bażijiet ta' data ġuridiċi

Il-Gazzetta tal-Istat (*Darzhaven vestnik*) hija disponibbli bla ħlas fuq is-sit web tal-[Gazzetta tal-Istat](#). L-edizzjoni online fiha abbozzi promulgati mill-Assemblea Nazzjonali, digrieti maħruġa mill-Kunsill tal-Ministri, trattati internazzjonali, atti legali oħra, kif ukoll avviżi dwar akkwist pubbliku u konċessjonijiet, eċċ.

Bażijiet ta' data ġuridiċi bħal [Apis](#), [Ciela](#) u l-[Enċiklopedija Ġuridika](#) joffru firxa sħiħa ta' informazzjoni legali iżda mhumiex bla ħlas.

L-aħħar aġġornament: 08/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.